MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 407/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**

**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu, (LM4,173.96,0), rapprezentanti import ta' tenjn u erbghin (42) kambjala tal-valur ta' disgha u disghin Lira u tmienja u tletin centezmu (LM99.38,0), kull wahda, li skadew kull xahar bejn id-19 ta' Frar tas-sena 2001 u d-19 ta' Gunju tas-sena 2004 rispettivament (kopji esebiti bhala Dok A1 sa Dok A23), lkoll kemm huma mhux imhallsa, u li kollha**

**kemm huma gew accettati mill-konvenut favur is-socjeta' attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali kontra l-konvenut datata 31 ta' Jannar tas-sena 2003 u tar-rikors tal-15 ta' Lulju tas-sena 2003 inkluzi tan-notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awissu tas-sena 2003 u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Gunju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------